MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 629/2010

**B.T.I. Limited (C15035)**

**vs**

**Antoine Paul Farrugia (ID 292773M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ B.T.I. Limited datat 22 ta’ Gunju 2010 fejn Vincent Farrugia (ID 679652M) bil-gurament tieghu jikkonferma: -

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta’ tlettax-il elf mija disgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€13,179.54) rapprezentanti bilanc ta’ flejjes li l-konvenut, fil-kors tal-impjieg tieghu mal-istess socjeta` attrici, approprja ruhu minnhom indebitament waqt li l-istess flejjes kienu fdati lilu, u dan kif jirrizulta mill-

anness *statement* markat Dokument “BTI 1”, b’ riserva ghal kull ammont ulterjuri li talvolta jista’ jirrizulta li huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici relattivament ghal flejjes li l-konvenut seta’ appropja ruhu minnhom u li s-socjeta` attrici ghadha ma tafx bihom.

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-isetss socjeta` attrici, il-konvenut m’ ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa’ inadempjenti u ma hallasx.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni: -

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikolu 167** sa **170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlettax-il elf mija disgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€13,179.54) rapprezentanti bilanc ta’ flejjes li l-konvenut, fil-kors tal-impjieg tieghu mal-istess socjeta` attrici, approprja ruhu minnhom indebitament waqt li l-istess flejjes kienu fdati lilu, b’riserva ghal kull ammont ulterjuri li talvolta jista’ jirrizulta li huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici relattivament ghal flejjes li l-konvenut seta’ appropjra ruhu minnhom u li s-socjeta` attrici ghadha ma tafx bihom, kif premess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru disa’ mija tmienja u ghoxrin tas-sena

elfejn u ghaxra (928/2010), *oltre* l-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat Antoine Paul Farrugia debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u msejjah tliet darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-**artikolu 167** *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------